**11 ta' Novembru, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Hadrian Busietta *noe*

*versus*

Adrian Borg Cardona *noe*

## Bejgħ ta' Vettura – Azzjoni Redhibitorja – *Hire Purchase* – Difetti Latenti

*Id-distinzjoni bejn "hire purchase" u kuntratt ta' bejgħ hija waħda fundamentali billi għaż-żewġ tipi ta' kuntratt japplikaw provvedimenti differenti u naturalment il-kwalità ta' garanzija li jrid jagħti l-konċedent tvarja skond il-kuntratt relattiv.*

*L-hekk imsejjaħ "hire purchase" speċjalment f'każ ta' bejgħ ta' karozza huwa kkunsidrat mill-qrati tagħna bħala kuntratt ta' bejgħ "pactum riservati dominii".*

*Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni fil-garanzija legali fil-każ ta' bejgħ komplut u bejgħ kondizzjonali.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-4 ta' Frar, 1993, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija – premessi d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi f'Ġunju ta' l-1992 is-soċjetà attriċi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta vettura tal-marka "*Korando*" tat-tip "*Jeep*", bin-numru ta' Reġistrazzjoni O – 0582(M) versu l-prezz ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000);

Premess illi f'dawn il-ġranet is-soċjetà indunat b'xi difetti li ma jidhrux konsistenti f'estensjoni f'daqqa waħda ta' sadid minn ġewwa u minn barra fil-*body* tal-vettura, fil-ġnub tal-karozza, minn ġewwa lejn id-*driver's side* u f'diversi aċċessorji tal-vettura, dan kollu jiġi ppruvat u illustrat aħjar fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża;

Premess illi s-*sot top* tal-vettura ma jingħalaqx regolarment

u b'mod li ma jistax jissewwa minħabba xi difett intrinsiku li ma jidhirx;

Premess illi dawn jikkostitwixxu difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi s-soċjetà attriċi ma kinitx tixtriha jew kienet toffri prezz iżgħar;

Premess illi s-soċjetà attriċi tixtieq tistitwixxi l-azzjoni redhibitorja sabiex is-soċjetà attriċi tagħti lura l-oġġett mibjugħ u s-soċjetà konvenuta trodd lura l-prezz;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-vettura tal-marka "*Korando*" tat-tip "*Jeep*", bin-numru ta' Reġistrazzjoni O – 0582(M) mibjugħa mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kienet afflitta minn difetti li ma jidhrux kif ingħad;

2. Tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet in konsegwenza ta' tali difetti li ma jidhrux;

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lis-soċjetà attriċi l-prezz jew il-parti minnu mħallas fil-waqt illi s-soċjetà attriċi tagħti lura l-vettura;

Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Adrian Borg Cardona u Anthony Pisani bħala diretturi f'isem u in rappresentanza tas-soċjetà *General Auto Imports Limited* ippreżentata fis-26 ta' Frar, 1993, li biha eċċepew:

1. Illi l-azzjoni redhibitorja odjerna ma hijiex fil-fatt kompetenti lill-attur *nomine* skond il-liġi peress illi l-kuntratt in kwistjoni esegwit bejn il-kontendenti ma kienx wieħed ta' bejgħ iżda ta' *"hire purchase"*;

2. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għal fuq eċċepit, l-eċċipjenti *nomine* ggarantew il-vettura għal perijodu ta' sitt (6) xhur mid-data tal-konsenja, u dana taħt l-istess termini u kondizzjonijiet tal-*"warranty"* mogħtija mill-manifatturi;

3. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għal fuq eċċepit, il-vettura ma kienet afflitta minn l-ebda difetti latenti u kwalunkwe ħsarat illi setgħet ġarrbet minn mindu ġiet ikkonsenjata lill-attur *nomine* huwa responsabbli unikament għalihom l-istess attur *nomine;*

4. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit, l-eċċipjenti *nomine* kienu offrew lill-attur *nomine* sabiex mingħajr preġudizzju jirreparawlu l-vettura gratwitament, iżda l-istess attur *nomine* rrifjuta li jaċċetta dina l-offerta u minflok għażel li jipproċedi b'dina l-azzjoni;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri;

Rat il-verbali relattivi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni preliminari illi dwarha hija mitluba d-deċiżjoni hija dik fis-sens illi l-azzjoni redhibitorja odjerna

m'hijiex fil-fatt kompetenti lill-attur *nomine* skond il-liġi peress illi l-kuntratt in kwistjoni kien wieħed ta' *'hire-purchase'* u mhux wieħed ta' bejgħ;

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi din id-distinzjoni, bħalma dejjem ġie rritenut mill-qrati tagħna, hija waħda fundamentali billi għaż-ewġ tipi ta' kuntratti japplikaw provvedimenti differenti u naturalment il-kwalità ta' garanzija li jrid jagħti l-konċedent, huwa ta' liema natura huwa, ivarjaw jew skond il-kuntratt relattiv. Issa huwa veru illi l-prattika kummerċjali tagħna f'dan ir-rigward hija kostanti fis-sens illi kuntratti bħal dawk in eżami jissejħu dejjem *'hire-purchase agreement'*, u dan in omaġġ għall-prattika kummerċjali Ingliża;

Difatti però, bħalma ġie diversi drabi rritenut mill-qrati tagħna, l-intenzjoni tal-kontraenti, partikolarment fejn *si tratta* ta' bejgħ ta' karrozza, ikunu dejjem illi l-karrozza tgħaddi fil-pussess ta' min eventwalment sejjer jakkwistaha bil-kondizzjoni, almenu bħala l-aktar waħda importanti, illi jitħallsu ċertu pagamenti rateali sakemm finalment jitħallas il-prezz kollu;

Dan ġie konċess lealment mill-abbli difensur ta' l-eċċipjent fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu. *Del resto* jirriżulta wkoll mix-xiehda, mhix kontradetta, tal-konvenut;

F'dan il-konfront il-Qorti rat ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati, fosthom sentenzi ċċitati mill-istess abbli difensur ta' l-attur *(vide* "Anthony Abela *vs* Maria Attard *et*", Vol. XLI, P. II, p. 896, Deċiża 12 ta' Frar, 1987; "Noel Gruppetta *noe* *vs* Joseph Florian", Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Jannar, 1980);

Il-Qorti għalhekk m'għandha l-ebda dubju illi hawn *si tratta* ta' kuntratt ta' bejgħ *"pactum riservati dominii"*, fejn venditur irriserva d-dominju *"dones pretium universum solvetur"*;

Deċiż dan, il-Qorti tara illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu l-abbli difensur tal-konvenut *nomine* indika illi f'każ illi l-Qorti tiddeċidi illi dan huwa *"pactum riservati dominii"*, allura l-Qorti trid tara u tikkunsidra jekk ir-rimedju ta' l-*"actio redhibitorja"* tistax tkun xorta waħda applikabbli a favur ta' l-attur *nomine;*

Apparti l-fatt illi fl-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jeċċepixxi biss illi hawn *si tratta* ta' *"hire-purchase"* u mhux ta' bejgħ, il-Qorti ma tarax illi l-liġi tagħna tagħmel xi distinzjoni fil-garanzija legali bejn bejgħ komplut u bejgħ kondizzjonali;

Il-Qorti għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.